Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,377, 17 ta' Jannar, 2025

Taqsima B

A.L. 17 tal-2025

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 51(1)(e) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru responsabbli għas-saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"Raba' Skeda". Kap. 464.

Jemenda r-Raba' Skeda.

2. Fit-Taqsima II tar-Raba' Skeda taħt l-intestatura "Infermieri u Qwiebel", minnufih wara l-partita "Assoċjazzjoni Maltija tal-Infermiera u Imseħbin tal-Kura tal-Mard tas-Sistema Diġestiva" għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"Assoċjazzjoni Maltija tal-Ġilda u l-Kura tal-Feriti (Infermieri)".